*-FOREIGN JURISDICTION CLAUSE-*

*-DANNI F'MERKANZIJA - POLZA TA' KARIGU -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001

**Kawza Numru: 5**
**Citazzjoni Numru: 898/98/RCP**

**R von Brockdorff Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Asurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Carmelo Abela & Sons Limited u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited assumiet il-vesti tal-attur miflok is-socjeta` R von Brockdorff Insurance plc**

**vs**

**Mediterranean Shipping Company M.S.C. (Malta) Limited, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera MSC Meditterranean Shipping Company S.A. Geneva bhala trasportaturi tal-merkanzija *de quo*.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ Carmelo Abela & Sons Limited importat minn Tasmania (Awstralja) konsenja ta’ gobon u inkarigat lis-socjeta’ konvenuta bit-trasport tal-merkanzija lejn Malta (Dok. “A”) ; u li l-merkanzija *de quo* inhaznet go *container* refrigerat Numru LPIU 570430/2 li ghall-vjagg bejn Melbourne l-Awstralja u Felixstowe fl-Ingilterra ingarr fil-bastiment *MSC Sonia* filwaqt li ghall-vjagg bejn Felixstone u Malta ingarr bil-bastiment *Norasia Hong Kong;* u illi wara li l-bastiment wasal fil-Freeport Malta fl-4 ta’ Mejju 1997 u l-container inhatt, meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija huwa sabha bil-hsara ghax kienet iddeterjorat minhabba malfunzjonament tal-impjant tar-refrigerazzjoni tal-*container* - kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-

kawza; u l-merkanzija kellha kopertura assikurativa mas-socjeta' attrici u ghall-hsara li garrab l-importatur, is-socjeta' attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' erbat elef tmien mija u tnax-il lira erbatax-il centezmu (Lm4,812.14) u giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok."B"); u ghalhekk s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-hsara.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-hsara.

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef tmien mija u tnax-il lira erbatax-il centezmu (Lm4,812.14) in linja ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici, bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 1999 fejn il-Qorti nnutat li n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta hija tardiva u

ghalhekk ordnat l-isfilz tal-eccezzjonijiet stante li gew prezentati *fuori termine*. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' April 1999.

Rat in-nota tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Ltd tat-22 ta' Marzu 1999 (fol 18 tal-process) fejn assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' R. von Brockdorff Insurance Agency Limited.

Rat il-verbal tal-21 t'April 1999 fejn il-kawza giet differita ghad-19 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-4 ta' Mejju 1999 fejn tat ruha b'notifikata bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza.

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 1999, tal-21 ta' Ottubru 1999 u tas-26 ta' Jannar 2000 fejn xehdu Stephen Abela u l-Ispizjar Saviour Ellul, u tal-21 ta' Marzu 2000, tat-23 ta' Mejju 2000 fejn Dr Zammit McKeon ipprezenta nota b'diversi dokumenti, tat-30 ta' Gunju 2000, tat-13 ta' Lulju 2000 fejn xehdu Gaston Degiovianni u Alfons Genovese, tat-8 ta' Novembru 2000 fejn xehed Dominic Seychell, u tal-24 ta' Jannar 2001 fejn xehed Michaelangelo Borg, u peress li ma deher hadd hlief ix-xhud il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001 b'dan li tat fakolta` lis-socjeta` konvenuta tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) jum b'ghoxrin (20) jum iehor lill-kontro-parti biex jirrispondu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta' attrici, bhala l-kumpanija assikurattrici tal-importatur Carmelo Abela & Sons Limited, u surrogata fid-drittijiet taghha, qed taghmel din il-kawza stante li qed issostni li soffriet danni fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u tnax-il lira erbatax-il centezmu (Lm4,812.14), minhabba li l-merkanzija li ngaret f'*container* refrigerat Numru LPIU 570430/2 mis-socjeta' konvenuta ghall-vjagg indikat fic-citazzjoni attrici, li meta wasal Malta instab li l-merkanzija gol-*container*, li kienet tikkonsisti f'gobon, kienet soffriet deterjorament minhabba li t-temperatura tal-istess *container* ma inzammitx kif rikjest.

Illi fil-fatt jirrizulta li ghall-vjagg bejn Melbourne l-Awstralja u Felixstowe fl-Ingilterra li ingarr fil-bastiment *MSC Sonia* filwaqt li ghall-vjagg bejn Felixstone u Malta ingarr bil-bastiment *Norasia Hong Kong,* u qed jigi allegat li wara li l-bastiment wasal fil-Freeport Malta fl-4 ta' Mejju 1997 u l-container inhatt, u l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija, qed jigi allegat li huwa sabha bil-hsara ghax kienet iddeterjorat minhabba malfunzjonament tal-impjant tar-refrigerazzjoni tal-*container*.

Illi jirrizulta li tali merkanzija giet hekk trasportata mis-socjeta' konvenuta abbazi ta' polza ta' karigu li tinsab

esebita a fol. 6 u 7 tal-process bhala Dok. "A", u fl-istess polza hemm dik li tissejjah *"Law and Jurisdiction Clause"* , f'paragrafu tnejn (2) tal-istess li tghid illi:-

*"Claims and disputes arising under or in connection with this Bill of Lading shall be referred to the High Court of Justice in London…."*

Illi fil-fatt il-kawza titratta dwar hsara ikkawzat merkanzija, li giet kkonsenjata Malta lis-socjeta' konvenuta Maltija, sabiex l-istess merkanzija tigi ikkunsmata hawn Malta, u jirrizulta wkoll li l-istat tal-istess merkanzija, wara l-wasla tieghu hawn Malta, gie fil-fatt konstat f'din il-gzira. Illi inoltre ma hemm l-ebda dubju li s-socjeta' konvenuta hija registrata Malta, bl-indirizz taghha Malta, u apparti tali *jurisdiction clause*, ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni fuq dan il-kaz, *ai termini* tal-**artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi kif gie ritenut fil-kawza **"Dr. Michael Scriha nomine vs Il Pamento Limited"** (P.A. RCP. 9 ta' Jannar 2001) l-gurisprudenza *nostrali* hija konsistenti u tipprovdi, kif inghad *inter alia* fis-sentenza **"John Galdes nomine vs Joseph Bowman nomine"** (K. F. 21 ta' Gunju 1993) li :-

*"Illi skond l-evoluzzjoni fid-dottrina li temani mill-gurisprudenza lokali jidher li tali kwalsoli bhal dik iccitatta supra huma legalment validi pero' m'humiex assoluti dejjem. Di fatti f'numru ta' kazi l-Qrati irritenew li nonostante tali klawsola, xorta ghandom gurisdizzjoni in*

*kwantu u limitatament ghal kostatazzjoni tan-nuqqas jew tal-hsara rriporatata fil-merkanzija de quo".*

Illi dan isir peress li meta trid issir konstatazzjoni tal-kwalita' tal-merkanzija, l-allegata mankanza jew difetti li setgha fiha, jew dwar nuqqasijiet dwar l-istess merkanzija, il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi meta l-istess merkanizja tinsab hawn Malta, id-determinazzjoni tad-domicilju reali, fejn trid issir l-ezami tal-istess merkanizja, huwa dejjem Malta, minhabba li jekk tali verifiki ssiru f'post iehor, fejn ovvjament ma hemmx tali merkanzija, dan issir hafna aktar difficli jekk mhux impossibbli. **("Robert Bonello nomine vs Agostina Mifsud et nomine". -** K. S.S. 30 ta' April 1993- XXX D. iii. 373.- **"Micallef et nomine vs Chev. Mifsud et nomine. -** A.C. 26 ta' Ottubru 1991.).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Negoziante Andrea Gatt vs Negoziante Gustavo Gollcher"** (K. 14 ta' Novembru 1916 - XIII. iii. 484) fejn inghad illi *"il-domicilio reale e' quello determinato dal luogo della scaricazione della nerce trattaandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono solo accetarso alla scaricazione, ed innanzi al tribunale del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolamente svolgersi e defenirsi".*

Illi kien ghalhekk u fuq dawn il-principji li l-Qorti fil-kawza **"Prokuratur Legali Edoardo Frendo vs Dottor Roberto Naudi et nomine"** ( A. K. 9 ta' Dicembru 1935 - XXIX E. i.

1317) sostniet li, *nonostante* il-klawsola dwar gurisdizzjoni esklussiva ta' Qorti estera, din il-Qorti xorta ghandha gurisidizzjoni li tisma' l-kaz, jekk dan ikun iktar kompattibbli ghad-determinazzjoni tal-pendenza, u iktar faccli li tali kwistjoni tigi ezaminata b'mod iktar prattiku, kemm ghaliex l-ogggetti jkunu hawn Malta, u kemm ghaliex tali sentenza tkun tista' tigi esegwita hawn Malta. Fil-kaz imsemmi, fil-fatt kien jittratta dwar konsenja ta' injam, li l-konvenut sostna li kienet ta' kwalita' inferjuri, u peress li tali merkanzija kienet Malta, mela allura l-istess Qorti kkonfermat il-gurisdizzjoni taghha. **("Galea vs Hammer" -** XX.iii.32; - **"Pace vs Civitelli" -** XXI. iii. 71; **"Thomas vs Angeland" -** K. 20 ta' Jannar 1975); **"P.L. Edoardo Frendo vs Dr. Robert Naudi" -** A.C. 9 ta' Dicembru1935;

Illi l-kaz odjern huwa simili ghall-kaz appena kkowtat stante li jirrizulta li tali merkanizja konsistenti f'diversi tipi ta' gobon, mertu tal-kawza odjerna, gew ikkonsenjati hawn Malta lill-importatur lokali u l-ezamijiet kollha dwar l-istat tal-istess merkanzija saret naturalment, fl-interess ta' kulhadd, proprju Malta, fejn fl-ahharnett l-istess gobon kien destinat li jigi kkonsenjat u kkunsmat, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-*foro* naturali sabiex tigi determinata l-kawza ta' hsara, l-hsara u allegati danni fl-istess merkanzija hija proprju Malta, u certament li din l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma' dan il-kaz, nonostante tali *jurisdiction clause.*

Illi dan qed jinghad ukoll stante li kieku mhux ghal tali kwalsola ta' gurisidizzjoni esklussiva, ma hemm l-ebda

dubju dwar il-gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti ghall-fattispeci tal-kaz odjern, stante li tittratta dwar oggetti li jinsabu Malta, tikkoncerna persuna domiciljata Malta, u wkoll l-istess sentenza tista' tigi ezegwita' hawn Malta, kollox *ai termini* tal-**artikolu 742 (1) (b) (c) u (f) tal-Kap 12,** u kif ritenut fis-sentenza **"Alfred Cassar et. vs Dr. Gerald Montanaro Gauci" -** K. 3 ta' Dicembru 1962 - XLVI C . ii. 727.- **"Dr. Philip Manduca nomine vs Dr. Mark Chetcuti et nomine" -** P.A. J.D.C. 25 ta' Frar 1993.- LXXVII. iv. 218.- **"Neg. Fortunati Habib vs P.L. Alfredo Benjaear nomine" -** 7 ta' Dicembru 1931 - XXVIII C . i. 667).

Illi stabbilit il-premess jirrizulta mill-provi prodotti li tali merkanzija giet moghbija f'*container* refrigerat ta' ghoxrin (20) pied, u dan jirrizulta mill-polza ta' karigu esebita a fol 6 tal-process, u li taghbba fuq il-vapur *MSC Sonia* minn Melbourne fis-17 ta' Marzu 1997, u minn hemm kellu jmur ghall-Felixstone, u minn hemm twassal Malta fuq il-vapur *Norasia Hong Kong* u wasal Malta fil-Freeport fis-6 ta' Mejju 1997.

Illi meta wasal Malta jirrizulta li l-istess *container* ma kellux *temperature chart*, u l-imporatur gie informat mis-socjeta' konvenuta li l-merkanzija kellha mal-wasla taghha Malta xi haga hazina, u ghalhekk l-importatur Carmelo Abela & Sons Limited infurmaw b'dan lill-*brokers* sabiex jinkarigaw *surveyors* sabiex tigi ezaminata l-istess merkanzija appena l-istess *container* jigi *destuffed.* Illi l-istess *container* gie mahrug mill-Freeport mill-burdnara tas-socjeta' importatrici *Miksons Limited,* u ittiehed l-*cold stores* ta' Mc Donalds,

Hal Luqa fejn fil-presenza ta' rappresentanti tas-socjeta' importatrici, tas-socjeta' konvenuta, u s-*surveyors* taghhom Mediterraneas Survey Bureau Limited u *s-surveyors tas-socjeta' attrici* Valletta Survey Company Limited, infetah l-istess *container* mill-ufficjali tad-Dwana, u bdiet tigi skarikata l-istess merkanzija.

Illi gie innutat li t-temperatura tal-istess *container* kienet gholja hafna ghat-tip tal-istess merkanzija, u wkoll li numru ta' pakketti tal-gobon kellhom fihom bziezaq tal-arja taht il-*plastic wrapping* taghhom, li tindika li waqt il-vjagg kien hemm tibdil ta' temperatura fl-istess *container.* Fl-istess waqt l-apparat tar-*refrigeration* tal-istess *container* ma kienx qed jiffunzjona, tant li t-temperatura fil-bieb tal-istess kienet ta' cirka 14.7. gradi *Celsius,* filwaqt li t-temperatura tal-gobon kienet *tvarja* minn 15.6 deg. C ghal 18.6 deg. C. kif jirrizulta mir-rapport tal-istess Valletta Survey Company Limited proprju a fol. 26 tal-process.

Illi tenut kont tal-fatt li t-temperatura tal-istess merkanzija kellha tinzamm bejn il-2 deg. C sa 6 deg. C sabiex l-istess merkanzija tinzamm f'kundizzjoni tajba, kien ghalhekk car li setghet saret xi hsara lill-istess merkanzija, u ghalhekk ghall-ewwel l-istess gobon gie stivat fil-*cold stores*. Dan gie verifikat kemm minn Stephen Abela u mill-Ispizjar Saviour Ellul li xehdu ghan-nom tas-socjeta' Valletta Survey Company Limited fis-26 ta' Jannar 2000 u Guston De Giovanni tal-istess socjeta' li xehed fit-13 ta' Lulju 2000, u kkonfermaw ir-rapport tal-istess socjeta' datat 15 ta' Marzu 1998 u esebit a fol. 23 sa 30 tal-process. Dan huwa wkoll

konfermat mix-xhieda ta' Dr. Michelangelo Borg moghtija minnu fil-24 ta' Jannar 2001.

Illi apparti xehed ukoll Alphonse Genevese, rappresentant tal-Freeport Terminal li fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2000 sostna li mir-*readings* li hadu impjegati tal-istess terminal irrizulta li l-istess *container freezer* meta nizel Malta ma kienx qed jahdem, u it-*temperature chart* a fol. 82 tal-process irrizulta li mill-1 ta' Mejju 1997 l-istess *container* kien waqaf u baqa' hekk sakemm gie Malta, ghaliex ghalkemm it-*technicians* tal-Freeport ippruvaw ihaddmuh dan kien kollu ghalxejn, u fil-fatt tali difetti fl-istess *container* gew indikati fir-rapport tal-istess *Freeport Terminal Malta Limited* datat 6 ta' Mejju 1997 u esebit a fol. 133 tal-process.

Illi saru wkoll ezamijiet fuq l-istess *container* mis-socjeta' *Saywell & Schembri Limited,* kif inkarigati mis-socjeta' *Valletta Survey Company Limited,* li minnhom irrizulta li l-istess *container* ma kellux gas, ghaliex kellu *leakage* qawwi fuq in-naha ta' taht *valve plate top casing "due to erosion of the casing which appears chipped off. The refrigerant had naturally leaked out and the system rendered inoperable"* u dan kollox kif redatt fl-istess rapport tal-imsemmija socjeta' u esebit a fol. 88 sa 89 A tal-process bhala Dok. "VB 7", u kkonfermati mix-xhieda ta' Dominic Saywell tat-8 ta' Novembru 2000.

Illi tenut kont tal-premess, u in vista tal-fatt li jirrizulta mill-*freight manifest* esebit bhala Dok. "VB10" a fol. 121 tal-

process, li l-istess merkanzija tghabbiet fi stat tajjeb mis-socjeta' konvenuta fuq il-vapur *MSC Sonia* anke b'temperatura ta' 2 deg. C, kif *di piu'* jirrizulta wkoll mill-polza ta' karigu, ma hemm l-ebda dubju li l-hsara fl-istess *container* saret waqt l-istess tragitt tal-merkanzija lejn Malta.

Illi ghalhekk l-konsegwenza ovvja dwar l-istess hija li la darba tali merkanzija tghabbiet *in apparent external and good order* u giet skarikata Malta b'*container* difettuz u ma jahdimx, s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli tal-hsara ikkawzata fl-istess merkanzija konsistenti f'gobon.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li b'kawza tal-istess difett zviluppat fil-*container*, il-gobon fih stivat ma inzammx f'temperatura adatta, bil-konsegwenza li mit-testijiet li saru fuq l-istess gobon, kif jirrizulta mir-rapporti esebiti bhala Dok. "VB3" u "VB4" u anke "VB6", ghalkemm dan instab li kien ghadu tajjeb ghall-konsum lokali, pero' *is-shelf live* tieghu tnaqset, u ghalhekk kellu jinbiegh bi prezz anqas jew *discounts,* kif fil-fatt gara, b'dan li l-importatur soffra telf fuq l-istess prodott ammontanti ghall-Lm4,812.14, kif jirrizulta mill-kwantifikazzjoni tad-danni mill-istess *surveyors, Valletta Survey Company Limited* fir-rapport taghhom esebit a fol. 23 tal-process, u minn spjegazzjoni dettaljata tal-istess danni sofferti, li tinsab a fol. 28 u 29 tal-process, li din il-Qorti qed taddotta, ghaliex ikkonfermata mix-xhieda f'din il-kawza, u tirrizulta anke mill-provi dokumentarji prodotti, inkluz l-*invoices* relattivi ghall-bejgh

tal-merkanzija *de quo* fl-istat li kienet wara li giet impurtata, esebiti bhala Dok. “VB 8” a fol. 90 sa 114 tal-process.

Illi jinghad ukoll li dawn ir-rizultanzi kollha ma gew bl-ebda mod kontestati, anke ghaliex l-istess socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci, li ghalkemm fiha infisha hija stat ta’ opposizzjoni, certament li ma ikkontrastatx il-provi kollha attrici, li gew dettaljatament ikkoroborati b’xhieda u dokumenti li ssostanzjaw l-allegazzjonijiet kollha attrici.

Illi jigi nnutat ukoll li s-socjeta’ konvenuta nonostante li moghtija fakolta’ li tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet relattiva skond digriet ta’ din il-Qorti datat 24 ta’ Jannar 2001, hija naqset li taghmel dan fit-terminu lilha moghti.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-hsara ikkagunata fl-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna.

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef tmien mija u tnax-il-lira erbatax-il centezmu (Lm4,812.14) in linja ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici, bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lis-socjeta' konvenuta fid-29 ta' Settembru 1998 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2001.**